

4. Ir-raba' motiv, li jallega li l-analiżi tal-kawżalià tal-konvenuta tikser l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 978/2012, peress li d-diffikultajiet serji li għandha l-industrija tal-Unjoni Ewropea ma kinux ikunu konsegwenza diretta suffiċjenti tal-volum u tal-prezzijiet ta' importazzjoni mill-Kambodja. Sa fejn ir-Regolament 2019/67 huwa bbażat fuq evalwazzjoni kumulattiva, dan jikser ukoll l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 978/2012.
5. Il-ħames motiv, li jallega li l-konvenuta naqset milli tesponi diversi fatti jew kunsiderazzjonijiet jew dettalji essenzjali abbażi ta' tali fatti jew kunsiderazzjonijiet essenzjali bi ksur tal-Artikoli 17(1), (2), (3) u (4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2013, tat-28 ta' Awwissu 2013 ⁽¹⁾, tal-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 978/2012 u tad-dritt tad-difiża tar-rikorrenti.
6. Is-sitt motiv, li jallega li l-fajl iffurmat huwa fil-parti l-kbira nieqes minn informazzjoni u jinjora gruppi ta' informazzjoni importanti. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1083/2013, tal-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 978/2012 u tad-dritt tad-difiża tar-rikorrenti.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/67 tas-16 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ross Indica li joriġina mill-Kambodja u mill-Myanmar (ĠU L 15, 17.1.2019, p. 5).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

⁽³⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji u mal-adozzjoni ta' miżuri ġenerali ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 16).

Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2019 — Bilde vs Il-Parlament

(Kawża T-248/19)

(2019/C 213/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Dominique Bilde (Lagarde, Franza) (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew P8_TA-PROV(2019)0137, tat-12 ta' Marzu 2019, dwar it-talba li titneħħa l-immunità tar-rikorrenti 2018/2267 (IMM), u effettivament tneħħi l-immunità tar-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 266), tal-Artikolu 5(1) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (ĠU 2005, L 44, p. 1) u tal-Komunikazzjonijiet lill-membri Nri 11/2003 u 11/2016.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq użu ħażin tal-proċedura, b'mod iktar partikolari, fuq il-ksur tal-Artikolu 43 tal-Komunikazzjoni lill-membri Nru 11/2016, sa fejn l-għan tal-azzjonijiet kontra huwa li jiġi kkawżat dannu għall-attività politika tar-rikorrenti, li jikkostitwixxi każ ta' *fumus persecutionis* fil-konfront tagħha.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni "*ne bis in idem*" u "*una via electa*", ta' użu ħażin ta' proċedura u ta' użu ħażin ta' poter.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2019 — Wieland-Werke vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-251/19)

(2019/C 213/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wieland-Werke AG (Ulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Soltész, C. von Köckritz u K. Winkelmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Każ M.8900 — Wieland/Aurubis Rolled Products/Schwermetall tal-5 ta' Frar 2019;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tar-rikorrenti f'din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħdax-il motiv.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti min-naħa tal-Kummissjoni billi bbażat id-deċiżjoni kkontestata fuq il-kunċett difettuż tal-hekk imsejjaħ settur speċifiku "high-end" minflok ma bbażat id-deċiżjoni kkontestata fuq is-suq rilevanti għall-prodotti ta' ram pre-rolled hekk kif iddefinit mill-Kummissjoni nnifisha.
2. It-tieni motiv, ibbażat nuqqas ta' definizzjoni kif ukoll nuqqas ta' spjegazzjoni ċara min-naħa tal-Kummissjoni tal-hekk imsejjaħ settur speċifiku "high-end" li fuqu, mingħajr ebda dubju, hija bbażat l-evalwazzjoni tagħha. L-approċċ tal-Kummissjoni huwa manifestament żbaljat u spekulattiv.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni billi kkontradixxiet il-konstatazzjonijiet tagħha fid-deċiżjoni ta' clearance fil-Każ M.8909 — KME/MKM.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq applikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' teorija ta' ħsara *sui generis* mingħajr preċedent u mhux sostenibbli inkwantu ħolqot rabta bejn l-effetti orizzontali u mhux orizzontali u kkonfondiet gwida ċara u preċiża pprovduta mil-linji gwida dwar amalgamazzjonijiet.